# Jum sħiħ ta' dawriet gwidati u re-enactments bla ħlas fil-Forti Delimara

Heritage Malta

**Stqarrija | 30 ta' Settembru 2022**

Heritage Malta se tiftaħ il-bibien tal-Forti Delimara għal jum sħiħ ta' dawriet gwidati u re-enactments bla ħlas nhar il-Ħadd 16 ta' Ottubru.

Il-Forti Delimara nbena bejn l-1876 u l-1878 biex iħares il-kosta tan-naħa tal-port ta' Marsaxlokk u huwa eżempju klassiku ta' fortifikazzjoni kostali Vittorjana. Fost attrazzjonijiet oħra, fil-forti wieħed għadu jista' jara erba' kanuni ta' 38 tunnellata mis-sitta li kien hemm meta l-forti kien jintuża għal skop militari. Dawn huma l-uniċi kanuni tax-xorta tagħhom li għadhom jeżistu fid-dinja kollha fuq il-karrijiet u fil-post oriġinali tagħhom. Il-forti baqa' operattiv sal-1956. Aktar tard intuża bħala razzett għal aktar minn 25 sena, sakemm għadda taħt il-ħarsien ta' Heritage Malta fl-2005.

Dawk li se jżuru l-forti għall-open day se jkunu jistgħu japprezzaw ix-xogħlijiet estensivi li Heritage Malta wettqet fil-forti matul din l-aħħar sena, anke bl-għajnuna ta' għaqdiet u organizzazzjonijiet oħra. Fost xogħol ieħor, tnaddfu l-partijiet sotterranji kif ukoll il-pjazza prinċipali. Tneħħew ukoll diversi strutturi aljeni li kienu ġew introdotti meta l-forti kien jintuża bħala razzett u li wħud minnhom kienu perikolużi. L-istrutturi kienu jinkludu l-imqawel tal-annimali. Heritage Malta ħadet ħsieb ukoll li fil-forti tiġi installata sistema ġdida ta' dawl u ilma, filwaqt li qed tissaħħaħ is-sistema ta' sigurtà madwar il-forti.

B'kollox se jkun hemm tmien żjarat gwidati u erba' re-enactments fis-16 ta' Ottubru. Il-ħinijiet tat-tours huma kif ġej: 9:00am (bil-Malti), 10.15am (bl-Ingliż), 11.00am (bil-Malti), 12.15pm (bl-Ingliż), 1.00pm (bil-Malti), 2.15pm (bl-Ingliż), 3.00pm (bil-Malti), 4.15pm (bl-Ingliż). Ir-re-enactments jibdew fl-9.45am, f'11.45am, fis-1.45pm u fl-3.45pm. Kull show ikun parti mit-tour ta' qablu u dak ta' warajh.

Kull min jixtieq jieħu sehem f'waħda mid-dawriet gwidati jrid jaqta' biljett minn qabel. Il-biljetti jinkisbu minn kwalunkwe sit jew mużew ta' Heritage Malta jew inkella online minn heritagemalta.org/store. Għotjiet ta' flus biex jgħinu fil-proġett li qed jagħti ħajja ġdida lill-Forti Delimara jistgħu jsiru fuq il-post dakinhar stess u jkunu apprezzati ħafna. Żraben komdi għandhom jintlibsu waqt it-tours.

Għal aktar tagħrif idħol hawn: heritagemalta.org/whats-on.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta